MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 589/2012

**Giannino Caruana Demajo**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta’ Ġunju 2012 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi huwa twieled fit-tlieta ta’ Frar elf, disa’ mija u tmienja u ħamsin (03/02/1958) u fl-Att ta’ twelid tiegħu li jġib in-numru elf, mija u tnejn ta’ dik is-sena (1102/1958) ġie reġistrat bl-isem “Giovanni”, kif jidher minn estratt mill-Att tat-Twelid (Dok A);

2. Minn meta twieled l-attur dejjem u konsistentement kien magħruf minn kulħadd bl-isem ta’ “Giannino”;

3. Dan jidher ukoll mid-dokumenti uffiċjali bħalma huma l-Passaport (Dok Ċ), iċ-Ċertifikat tal-Magħmudija (dok D) kif ukoll dokumenti oħra, li kopji tagħhom qegħdin jiġu mehmuża bħala Dok E u F;

4. L-art 253 tal-Kodiċi Ċivili jagħti l-jedd lill-attur illi jagħmel talba lill-Qorti għar-reġistrazzjoni tal-isem li bih kien konsistentement magħruf u l-attur għalhekk għandu l-jedd jitlob illi ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att ta’ Twelid tiegħu u fl-atti kollha tal-istat ċivili, fosthom l-Att ta’ Żwieġ numru elf u tmienja u għoxrin tas-sena elf disa’ mija u tlieta u disgħin (1028/1993);

5. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet l-attur jitlob illi din il-Qorti jogħġobha:

1. tordna l-pubblikazzjoni ta’ avviż fil-Gażżetta tal-Gvern kif jgħid u jrid l-Art 254 tal-Kodiċi Ċivili;

2. tiddikjara illi l-isem li bih l-attur kien konsistentement magħruf u msejjaħ huwa “Giannino” u mhux l-isem li jidher fuq l-att ta’ twelid bħala l-isem mogħti u l-isem li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa;

3. tordna l-korrezzjoni tal-att ta’ twelid li jġib in-numru elf, mija u tnejn tas-sena elf, disa’ mija u tmienja u ħamsin (1102/1958) billi fil-kolonna “isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” jitħassar l-isem “Giovanni” u minfloku jiġi reġistrat l-isem “Giannino”;

4. tordna illi dan il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f’kull att tal-istat ċivili tal-attur partikolarment l-Att taż-Żwieġ li jġib in-numru elf u tmienja u għoxrin tas-sena elf disa’ mija u tlieta u disgħin (1028/1993);

5. tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jagħti kopja vera tas-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal dak kollu li jgħid u jrid l-Art 256 tal-Kodiċi Ċivili.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-2 ta' Awissu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrita' tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li huwa għandu jidher bħala *'Giovanni sive Giannino Caruana Demajo'* u mhux *'Giannino Caruana Demajo' stante* li l-isem *'Giannino'* ma jappartjenix lilu skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 1102 tas-sena 1958;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrent huwa magħruf bħala Giannino kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrent jrid iressaq <u>xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits</u> ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Giannino u mhux Giovanni;

4. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

5. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrent stess, Tommaso Caruana Demajo, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1102 tas-sena 1958 u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit li ġie preżentat mill-attur;

Rat illi permezz tal-verbal tas-17 ta' Ottubru 2012, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili kif ukoll l-Artikolu 92 (2) tal-Kodiċi Ċivili wkoll. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attur minn dejjem kien magħruf bl-isem ***Giannino*** kif jidher ampjament mill-provi. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u allura m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------